MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2009

Citazzjoni Numru. 590/2009

**BRITANNIA FINANCIAL SERVICES LIMITED (C1475)**

**-vs-**

**[1] PUBLISHERS ENTERPRISES GROUP [PEG] LTD. (C6404)**
**[2] EMANUEL (ID135147M) U VALERIE KONJUGI DEBATTISTA, (ID17046M)**
**[3] GAETANO CILIA (ID649447M),**
**[4] CARMEN CILIA (ID553542M)**
**[5] PAUL VICTOR MULA (ID588760M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mis-socjeta' attrici fis-17 ta' Gunju, 2009, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi s-socjeta` attrici kienet giet awtorizzata mill-Bank Centrali ta' Malta sabiex tiffunzjona bhala istituzzjoni

finanzjarja ai termini tal-artikolu 3(1) tal-Att XXII dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji 1994 bil-fakolta fost ohrajn illi ssellef il-flus [Dok. B]. Illum il-licenzja relattiva hija mahruga mill-Malta Financial Services Authority, u l-hlas annwali ta’ l-istess jithallas lill-Malta Financial Services Authority;

Illi b’kuntratt tas-17 ta’ Settembru 2007 fl-atti tan-Nutar Liza Camilleri [Dok. C] s-socjeta` Britannia Financial Services Limited kienet sellfet lis-socjeta` intimata s-somma ta’ tlieta` w ghoxrin elf mitejn tlieta` w disghin Ewro u tlieta` w sebghin centezmu [€23,293.73], liema somma kellha tithallas lura fi zmien sentejn f’pagamenti mensili ta’ disa’ mija wiehed u sebghin Ewro w erbgha u tletin centezmu [€971.34), li kellhom jithallsu fis-17 ta’ kull xahar;

Illi l-intimati Emanuel u Valerie konjugi Debattista, Gaetano Cilia, Carmen Cilia u Paul Victor Mula fil-kapacita` taghhom personali dahlu bhala garanti solidali mas-socjeta` intimata Publishers Enterprises Group [PEG] Ltd. ghall-hlas tas-self, fuq imsemmi;

Illi ai termini tal-kuntratt imsemmi, senjatament l-artikolu [f], f’kas illi d-debitur kien moruz fil-pagament ta’ zewg skadenzi, huwa kien jitlef il-beneficcju tat-terminu, u s-socjeta` rikorrenti kellha d-dritt illi titlob il-hlas tal-bilanc b’mod immedjat u dana wara illi tkun innotifikat lid-debitur;

Illi s-socjeta` intimata naqset milli thallas aktar minn zewg skadenzi, ai termini tal-kuntratt imsemmi, u ghalhekk tilfet il-beneficcju tat-terminu, u b’dan hija giet notifikata b’ittra ufficcjali datat 30 ta’ March 2009, flimkien mal-intimati kollha l-ohra;

Illi l-bilanc dovut sallum inkluz l-imghax, jammonta ghall-erbatax –il elf erba` mija tmienja u ghoxrin ewro [€14,428], li minnhom €13,577 jirrappresentaw l-kapital, filwaqt illi €851 jirrappresentaw l-imghax;

Illi minkejja illi l-istess intimati gew interpellati sabiex jhallsu huma baqghu inadempjenti;

Illi dan id-debitu huwa cert likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta' rikorrenti l-intimati m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu u ghalhekk il-kawza tista' tigi decisa ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili;

Talbet lill-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) taqta' u tiddecidi l-kawza ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u cioe bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza u
(2) tikkundana lill-intimati sabiex solidalment bejniethom ihallsu s-somma komplessiva ta' erbatax –il elf erba` mija tmienja u ghoxrin ewro [€14,428], kwantu ghal tlettax –il elf hames mija sebgha w sebghin ewro [€13,577] bhala kapital, kwantu ghal tmien mija wiehed u hamsin ewro [€851] bhala imghax kalkulat sal-31 ta' Mejju 2009 – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-imghax ulterjuri kalkolat mill-31 ta' Mejju 2009 sal-effettiv pagament, u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni ppresentat kontestwalment mal-presenti u dawk tal-ittra legali tas-26 ta' Frar 2009 u dawk tal-ittra ufficcjali datat 30 ta' Marzu 2009 kontra l-intimati li minn issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni taghhom;

Rat il-lista tax-xhieda u l-affidavit ta' Eric Pace Bonello ghas-socjeta' attrici u d-dokumenti l-ohra;

Rat li l-konvenuti debitament notifikati fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghu kontumaci u fis-seduta tal-lum imsejjhin tlett darbiet ma dehrux;

Semghet lil Eric Pace Bonello, ghas-socjeta' attrici, jiddikjara illi l-konvenuti baqghu ma hallsu xejn;

Peress li, fic-cirkostanzi, t-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat jidhru gustifikati u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata illum stess bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici kif dedotti fir-rikors guramentat, u hekk tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment bejniethom ihallsu s-somma komplessiva ta' erbatax –il elf erba` mija tmienja u ghoxrin ewro [€14,428], kwantu ghal tlettax –il elf hames mija sebgha w sebghin ewro [€13,577] bhala kapital, kwantu ghal tmien mija wiehed u hamsin ewro [€851] bhala imghax kalkulat sal-31 ta' Mejju 2009 – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-imghax kif mitlub, u bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------